MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 242/2011

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., bhala mandatarju speċjali ta' THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, socjeta' estera ta' nazzjonalita' Amerikana nkorporata fl-Istat ta' Ohio bin-numru 20677, b'indirizz ta' One Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Noel Scerri gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil AHMED AHMED GHABER AL-BARAWI, b'indikazzjoni ta' "ALEXANDRIA-EGYPT" bħala ndirizz b'digriet tal-25 ta April 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-10 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta’ attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ prodotti għall-kura u l-indafa tas-snien tal-marka “CREST”, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha w in konnessjoni mal-istess;

2. Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-*trademarks* taghha “CREST” dwar prodotti ghall-kura u l-indafa tas-snien w in konnessjoni mal-istess;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrati bhala *trademarks* Komunitarji (CTM) is-segwenti u cioe “PROCTER & GAMBLE” (kelma), numru 000300137 b’effett f’Malta mill-ewwel (1) ta’ Mejju elfejn u erbgha (2004), “CREST” (kelma), numru 000273201 b’effett f’Malta mill-ewwel (1) ta’ Mejju elfejn u erbgha (2004), “CREST” (kelma), numru 001843630 b’effett f’Malta mill-ewwel (1) ta’ Mejju elfejn u erbgha (2004), u “Crest” (figurattiva), numru 004772075 b’effett f’Malta mit-tmienja (8) ta’ Dicembru elfejn u hamsa (2005), u dawn kollha *inter alia* dwar prodotti ghall-kura u l-indafa tas-snien kif ukoll – fil-kaz tat-*trademark* Komunitarju bin-numru 000300137 – “PROCTER & GAMBLE” (kelma) – dwar materjal stampat u *cardboard*. Inoltri, is-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrat f’Malta b’effett mis-sebgha (7) ta’ Marzu elf disa’ mija sitta u hamsin (1956) it-*trademark* bin-numru ta’ registrazzjoni 5837 – “CREST” (kelma), u din dwar *dentifrices*;

4. Illi s-socjeta’ attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erbgha mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta] u tal-*Council Regulation (EC) No. 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property*

*rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b'hekk u b'applikazzjoni tal-artikolu ghaxra (10) tal-istess *Council Regulation (EC) No. 1383/2003*, tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kapitolu erbgha mija w erbatax (414), liema artikoli ta' ligi japplikaw għal dan il-kaz fost ohrajn;

5. Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-Kapitolu erbgha mija w erbatax (414) u fl-artikolu wiehed 1 subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No. 1383/2003*, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* FCIU 8241637 kontenenti fost ohrajn tubi ta' *toothpaste g*ewwa pakketti, u l-pakketti gewwa kaxxi, flimkien ma' materjal tal-ippakkettjar pprezentat separatament, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "Crest" u "Procter & Gamble", liema oggetti waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' trasbord (*transhipment*), u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

6. Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejbiet separatement fid-disgha (9) ta' Frar elfejn u hdax (2011) kif ukoll fl-erbgha ta' Marzu elfejn u hdax (2011) u fl-ghaxra (10) ta' Marzu elfejn u hdax (2011) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta' polza ta' karigu relattiva ghal dan il-kaz, fejn bhala kunsinnatarju hemm indikat AHMED AHMED GHABER AL-BARAWI, b'indikazzjoni ta' "ALEXANDRIA-EGYPT" bhala ndirizz;

7. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bgala b'kollox *CREST packaging material: 39 cartons, 136,500 units; 298 (two hundred ninety eight) outer cartons boxes bearing the trademark CREST; CREST toothpaste 50mg:*

*228 cartons, 54,720 units;* u *CREST toothpaste 100mg: 70 cartons, 10,080 units*, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici stante li oggetti falsifikati;

8. Illi s-socjeta’ attrici tinsab marbuta li taghti lill-Kontrollur tad-Dwana prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu għal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u f’dan il-kuntest dawn il-proceduri qed jigu prezentati fi zmien utli;

9. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’tubi ta’ *toothpaste* gewwa pakketti, u l-pakketti gewwa kaxxi, flimkien ma’ materjal tal-ippakkettjar ipprezentat separatament, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* “Crest” u “Procter & Gamble” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* FCIU 8241637 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali occetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u ghas-spejjez tieghu;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura oħra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. K;

Rat id-digriet tal-25 ta' April 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-12 ta' Mejju 2011 fejn ecceppew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-31 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Johnatan Abela Fiorentino ghas-socjeta` attrici li ddikjara li ma ghandhux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 15 ta' Gunju 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta’ attrici Procter & Gamble Company hija proprjetarja tal-marka CREST u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta’ din il-kawza u wkoll mirregistrazzjoni ta’ trademarks skond Dok. B sa F annessi ma’ l-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b’affidavit ta’ George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. K) li taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru FCIU 8241637 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f’mija sitta u tletin elf u hames mitt (136,500) kartuna tal-ippakkettjar bl-isem ‘CREST’ u erbgha u sittin elf u tmien mitt tubu ta’ toothpaste (64,800) bil-marka CREST u waslu fil-port hieles ta’ Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta’ procedura ta’ trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta` intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur M/V APL CYPRINE fit-3 ta’ Frar 2011 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fis-7 ta’ Frar 2011 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjeta’/entita’ intimata (Dok. LS04 cioe affidavit ta’ Shelley Duggan fid-dipartiment legali tas-socjeta’ attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u filfatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez ta’ l-istess entita’ konvenuta, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 10 ta’ Marzu 2011 (Dok. K).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li

tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’mija sitta u tletin elf u hames mitt (136,500) kartuna tal-ippakkettjar u erbgha u sittin elf u tmien mitt tubu ta’ toothpaste (64,800) kif ukoll mitejn u tmienja u disghin (298) kaxxa tal-kartun, li lkoll ghandhom fuqhom trademarks bl-isem ‘CREST’ u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru FCIU 8241637 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta’ din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress li ma hemmx bzonnha;

4. Tordna lis-socjeta’ konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l’ ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-oggetti ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. K fl-atti tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta`/entita` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------